



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' April 2018
(OR. en)

7876/18
ADD 4

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0090 (COD)

CONSOM 101
MI 246
ENT 65
JUSTCIV 85
DENLEG 28
CODEC 522
IA 92

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	12 ta' April 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2018) 98 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' FIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT LI jakkumpanja d-dokument Proposti għal DIRETTIVI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL (1) li jemendaw id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id- Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-infurzar aħjar u l-immodernizzar tar-regoli tal-UE u (2) l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li jħassar id-Direttiva 2009/22/KE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 98 final.

Mehmuż: SWD(2018) 98 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.4.2018
SWD(2018) 98 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposti għal

DIRETTIVI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

(1) li jemendaw id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, id-Direttiva 98/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-infurzar aħjar u l-immodernizzar tar-regoli tal-UE

u

(2) l-azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li jħassar id-Direttiva 2009/22/KE

{COM(2018) 184 final} - {SWD(2018) 96 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt tal-Proposta għal Direttiva li tintroduċi emendi mmirati fid-Direttivi tal-UE dwar il-liġi tal-konsumatur u Proposta għal Direttiva li temenda u tissostitwixxi d-Direttiva 2009/22/KE dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (Patt Ġdid għall-Konsumaturi).
A. Ftieġa għal azzjoni
Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata? <u>Massimu ta' 11-il linja</u>
Din il-Valutazzjoni tal-Impatt issegwi Kontroll tal-Idoneità tal-liġi tal-konsumatur tal-UE, evalwazzjoni tad-Direttiva 2011/83/UE dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, it-tnejn li huma ippubblikati f'Mejju 2017, u evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar ir-Rimedju Kollettiv, ippubblikat f'Jannar 2018. Ir-riżultati juru li, filwaqt li r-regoli sostantivi huma kumplessivament tajbin għall-iskop, l-effikaċja tagħhom hija mxekkla minn nuqqas ta' sensibilizzazzjoni u minn nuqqas ta' infurzar u ta' opportunitajiet ta' rimedju għall-konsumaturi. FI-2016, 20,1 % tal-konsumaturi tal-UE rrapportaw problemi marbuta mad-drittijiet tal-konsumatur u 24 % tan-negozjanti kienu jaħsbu li l-konformità mal-liġi tal-konsumatur ma kinitx tajba biżżejjed. Dan iwassal għal detriment għall-konsumaturi u jfixkel il-kompetizzjoni ġusta għan-negozjanti. Barra minn hekk, dawn l-evalwazzjonijiet urew il-ftieġa li r-regoli jiġu mmodernizzati u li jitneħħew il-piżijiet sproporzjonati f'oqsma speċifiċi. Għalhekk, din il-Valutazzjoni tal-Impatt l-ewwel tindirizza l-mekkaniżmi ineffettivi attwali sabiex (1) twaqqaf u tiskoraġġixxi l-ksur u (2) tiżgura li l-konsumaturi jiksbu rimedju għad-dannu mġarrba, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa. Imbagħad tħares lejn li timmodernizza r-regoli tal-konsumatur tal-UE fid-dawl tal-iżviluppi diġitali u t-tneħħija tal-piżijiet sproporzjonati fuq in-negozjanti f'oqsma speċifiċi. Dawn il-problemi huma mistennija jikbru maż-żmien hekk kif it-tranżazzjonijiet tal-konsumatur jintensifikaw matul iż-żmien minħabba l-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.
X'inhu mistenni jinkiseb minn din l-inizjattiva? <u>Massimu ta' tmien linji</u>
L-inizjattiva għandha l-għan li tikkonsolida iktar ambjent tal-konsumatur b'saħħtu, li jgħin it-tkabbir ekonomiku peress li l-infiq tal-konsumaturi jammonta għal 56 % tal-PDG tal-UE. Il-miżuri previsti għandhom, fuq in-naħa tad-domanda, inaqqsu d-detriment tal-konsumaturi, isostnu l-fiduċja u jagħtu setgħa lill-konsumaturi biex jagħmlu l-parti tagħhom fit-tħaddim tas-swieq. Fuq in-naħa tal-provvista, għandhom l-għan li jiżguraw kompetizzjoni ġusta u ċertezza legali għall-kumpaniji. L-oġettivi speċifiċi huma: (1) li jtejbu l-konformità mal-liġi tal-konsumatur tal-UE u (2) li jimmodernizzaw ir-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur u jeliminaw l-ispejjeż bla bżonn għan-negozjanti. Dan se jikkontribwixxi għall-oġettivi ġenerali ta': (1) li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur u (2) il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, għall-benefiċċju kemm tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozjanti.
X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE? <u>Massimu ta' seba' linji</u>
Il-protezzjoni tal-konsumatur taqa' taħt il-kompetenzi kondiviżi tal-Istati Membri u l-UE. Il-problemi identifikati f'din il-Valutazzjoni tal-Impatt huma mifruxa u koll għandhom l-istess kawżi madwar l-UE. F'każijiet ta' prassi illegali mifruxa li jaffettwaw lill-konsumaturi f'diversi Stati Membri, l-infurzar irid ikun ibbażat fuq qafas komuni u uniformi tal-liġi sostantiva. Ir-Rapport tal-Kontroll tal-Idoneità sab li l-aktar valur miżjud importanti tal-liġi tal-konsumatur tal-UE huwa li r-regoli armonizzati jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar jindirizzaw b'mod aktar effettiv ksur transfruntier li jagħmel ħsara lil konsumaturi f'diversi Stati Membri. FI-istess ħin, ir-regoli armonizzati jippermettu lin-negozjanti jagħmlu kummerċ transfruntier aktar faċilment u b'inqas spejjeż.

B. Soluzzjonijiet
X'alternattivi ta' politika leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva ġew ikkunsidrati? Hemm xi alternattiva ppreferuta jew le? Għaliex? <u>Massimu ta' 14-il linja</u>
Dwar in-nuqqas ta' konformità, ittieħdu jew qed jittieħdu għadd ta' azzjonijiet fil-livell tal-UE biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati mill-evalwazzjonijiet preċedenti. Din l-inizjattiva tiffoka fuq problemi li s'issa għadhom ma ġewx indirizzati. Qed jitqiesu alternattivi mhux leġiżlattivi, iżda, kif issuġġerit fl-evalwazzjonijiet, l-alternattivi proposti huma interventi leġiżlattivi mmirati. Dawn se jikkumplementaw il-passi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi li diġà ttieħdu. Fir-rigward tal-modernizzazzjoni tar-regoli tal-konsumatur tal-UE, ġew ivalutati wkoll approċċi

mhux leġiżlattivi, iżda f'kull każ instab li x'aktarx ma kinux jindirizzaw bis-sħiħ il-kawżi tal-problemi. Il-pakkett preferut ta' għażliet jinkludi interventi biex jiġu żgurati:

- Aktar penali dissważivi u proporzjonati għall-ksur tar-regoli tal-konsumatur tal-UE,
- Rimedji għall-vittmi ta' prassi kummerċjali żleali,
- Mekkaniżmi msaħħa għal azzjonijiet kollettivi u ta' rimedju,
- Aktar trasparenza fit-tranżazzjonijiet B2C fis-swieq online,
- Titjib fil-protezzjoni tal-konsumatur għal servizzi diġitali "b'xejn", jiġifieri pprovduti mingħajr ħlas monetarju,
- Modernizzazzjoni tar-rekwiżiti tal-informazzjoni,
- Korrezzjoni ta' żbilanċi fid-dritt ta' rtirar minn kuntratti ta' bejgħ mill-bogħod u lil hinn mill-post tan-negozju.

Liema alternattiva u min jappoġġaha? Massimu ta' seba' linji

L-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jappoġġaw il-miżuri kollha proposti, flief dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u d-dritt ta' rtirar. **Assoċjazzjonijiet tan-negozju** jappoġġaw l-interventi ssuġġeriti dwar it-trasparenza tas-swieq onlajn, is-servizzi diġitali "b'xejn" (parzjalment), ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u d-dritt tar-irtirar. Hemm xi reżistenza mill-**assoċjazzjonijiet tan-negozju** għall-interventi proposti dwar il-penali, ir-rimedji, l-inġunzjonijiet u r-rimedju kollettivi u s-servizzi diġitali "b'xejn". Hawn **awtoritajiet tal-Istati Membri** jappoġġaw l-interventi proposti dwar ir-rimedji, l-azzjonijiet u r-rimedju kollettivi, it-trasparenza tas-swieq onlajn u s-servizzi diġitali "b'xejn". Xi wħud esprimew tħassib dwar l-interventi fuq il-penali, ir-rimedji u d-dritt ta' rtirar.

C. Impatti tal-alternattiva preferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-alternattiva preferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Massimu ta' 12-il linja

Il-pakkett preferut ta' alternattivi se jagħmel ir-rimedju għall-konsumatur aktar faċli u aktar effettiv, u b'hekk inaqqas id-detriment tal-konsumaturi li se jkun ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-konsumaturi vulnerabbli. Dan il-pakkett se jtejjeb ukoll il-konformità permezz ta' deterrenza akbar. L-intervent se jkun komplementari għar-Regolament CPC rivedut u jappoġġja l-funzjonament effettiv tiegħu. Bl-introduzzjoni ta' opportunitajiet ta' rimedju aħjar u billi jimtlew il-lakuni fil-protezzjoni attwali fit-tranżazzjonijiet diġitali, se tissaħħaħ il-fiduċja tal-konsumaturi. Il-kummerċjanti li josservaw il-liġi se jibbenefikaw minn kompetizzjoni aktar ġusta. Negożjanti konformi, inklużi l-SMEs, se jkollhom anqas spejjeż minħabba regoli aktar bilanċjati dwar id-dritt ta' rtirar, is-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tal-informazzjoni, iktar effiċjenza fil-komunikazzjoni onlajn tagħhom mal-konsumaturi u l-armonizzazzjoni tar-regoli, b'mod partikolari għat-tranżazzjonijiet onlajn. Jista' wkoll jkun hemm impatti pożittivi fuq l-ambjent billi se tiżdied id-deterrenza kontra dikjarazzjonijiet ambjentali qarrieqa.

X'inhuma l-kostijiet tal-alternattiva ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)? Massimu ta' 12-il linja

Mhux se jkun hemm kostijiet sinifikanti għan-negożjanti konformi assoċjati ma' interventi dwar il-penali, ir-rimedji u l-azzjonijiet kollettivi u ta' rimedju. Negożjanti mhux konformi se jiffaċċjaw kostijiet addizzjonali minn dawn l-interventi, b'mod partikolari minħabba penali aktar qawwija u għaliex il-konsumaturi se jkollhom mekkaniżmi aħjar biex jippretendu rimedji, possibbilment anke bi proċedimenti kollettivi, li se "jikluhom" il-profitti miksuba illegalment. Bl-intervent fuq is-servizzi diġitali "b'xejn", il-fornituri ta' dawn is-servizzi ser ikollhom kostijiet addizzjonali ta' konformità. L-intervent fuq it-trasparenza tas-swieq onlajn jimplika wkoll kostijiet għall-adattament tal-interfaċċji onlajn biex tinġabar ċerta informazzjoni mingħand negożjanti terzi u biex tingħadda lill-konsumaturi. Madankollu, dawn iż-żewġ interventi se joħloq ukoll iffrankar minħabba regoli aktar armonizzati bejn l-Istati Membri u aktar ċarezza legali. L-interventi dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u d-dritt tal-irtirar ser iġibu magħhom iffrankar għan-negożjanti. L-ebda impatt negattiv ambjentali jew soċjali ma hu mistenni.

Kif se jintlaqtu n-negożji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? Massimu ta' tmien linji

F'konformità mal-acquis eżistenti tal-liġi tal-konsumatur tal-UE, ma hemm l-ebda eżenzjoni għall-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi. Dan kien imur kontra l-għan ġenerali tar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur u b'hekk fl-aħħar mill-aħħar imur kontra l-interessi tal-SMEs, hekk kif il-konsumaturi kellhom livell aktar baxx ta' protezzjoni u b'hekk inqas fiduċja meta jixtru mingħandhom. Filwaqt li l-kostijiet għan-negożji, kumplessivament se jkunu insinifikanti, il-pakkett preferut ta' alternattivi se jnaqqas il-kostijiet għan-negożji, inklużi l-SMEs, fir-rigward tad-dritt ta' rtirar u dawn se jibbenefikaw minn aktar trasparenza meta jbigħu lill-konsumaturi minn swieq onlajn.

Infurzar u mekkaniżmi ta' rimedju aktar qawwija se jnaqqsu l-effetti negattivi tal-kompetizzjoni inġusta.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? <u>Massimu ta' 4-il linja</u>
L-interventi fuq il-penali, ir-rimedji u l-inġunzjonijiet kollettivi se jiġġeneraw kostijiet għal daww I-Istati Membri li se jkollhom bżonn jirrifurmaw ir-regoli nazzjonali, pereżempju dwar il-penali jew tal-mekkaniżmi ta' rimedju għall-konsumatur. Madankollu, aktar konformità se tiġġenera ffrankar minħabba t-tnaqqis fil-kostijiet tal-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji. Il-mekkaniżmi ta' rimedju kollettivi se jissimplifikaw il-proċedimenti ġudizzjarji f'sitwazzjonijiet ta' dannu tal-massa.
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? <u>Massimu ta' sitt linji</u>
Peress li l-punt fokali tal-pakkett preferut huwa li titjieb il-konformità mal-liġi tal-konsumatur tal-UE, id-drittijiet tal-konsumatur se jsiru aktar tanġibbli għall-konsumaturi individwali u b'hekk iċ-ċittadini u n-negozji se jaċċettaw aħjar il-valur miżjud tar-regoli tal-UE. L-intervent fuq l-inġunzjonijiet u r-rimedji kollettivi jista' jikkontribwixxi għal aċċess aħjar għall-ġustizzja. Interventi fuq il-penali, ir-rimedji u l-inġunzjonijiet kollettivi x'aktarx se jkollhom ukoll impatti pożittivi fuq il-konsumaturi vulnerabbli u fuq l-ambjent.
D. Segwitu
Meta se tiġi rieżaminata l-politika? <u>Massimu ta' erba' 4 linji</u>
Minbarra l-monitoraġġ regolari, huwa ssuġġerit li ssir evalwazzjoni tal-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE ta' dan l-intervent leġislattiv ħames snin wara l-implimentazzjoni mill-Istati Membri, abbażi ta' indikaturi ewlenin predeterminati tal-progress.